**APS Funds SICAV p.l.c.**
APS Centre,
Tower Street,
Birkirkara, BKR 4012,
Malta

Company Registration No. SV 78
Tel: +356 2122 6644
Fax: +356 2560 3001

info@apsfunds.com.mt

8 ta' April 2026

Għażiż Azzjonist,

**APS Funds SICAV p.l.c. (il-'Kumpanija')**

Għandi pjaċir niktiblek, bħala Chairman tal-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija, bid-dettalji tat-Tmintax-il Laqgħa Ġenerali Annwali (il-"**Laqgħa**") li se ssir fit-18:00 hrs tal- Erbgħa 22 ta' April 2026 ġewwa-Phoenicia Malta, il-Mall, il-Furjana, Malta.

Ngħarrfek li r-reġistrazzjoni tal-Azzjonisti tibda fil-5 ta' waranofsinhar.

Ma' din l-ittra hawn mehmuż l-Avviż u l-Aġenda tal- Laqgħa, kif ukoll il- Formola ta' Prokura. Kopja tad-dokumentazzjoni bl-Ingliż hija mehmuża ukoll.

Matul il-Laqgħa, id-Diretturi se jaqsmu miegħek ir-riflessjonijiet tagħhom dwar is-sena li għaddiet 2025. Se tingħata wkoll ħarsa lejn il-prestazzjoni tal-APS Income Fund, APS Diversified Bond Fund, APS Ethical Cautious Fund, APS Ethical Balanced Fund u APS Ethical Adventurous Fund kif ukoll lejn l-iżviluppi fis-suq ta' Malta u dawk internazzjonali, minn ReAPS Asset Management Limited, bħala l-Investment Manager tal-Kumpanija.

Kif indikat sew fl-Aġenda, ir-riżoluzzjonijiet li se jitressqu, jkopru l-kors normali tax-xogħol li jsir waqt il-Laqgħa, u tista' ssibhom fl-Avviż li qed jintbagħat ma' din l-ittra introduttorja.

Il-Bord japprezza li l-Laqgħa hija waħda mir-rotot ewlenin ta' komunikazzjoni mal-Azzjonisti. Hija wkoll opportunità għalik biex tesprimi l-opinjonijiet tiegħek billi tqajjem mistoqsijiet u tivvota anke jekk ma tistax tiġi għal-Laqgħa personalment. Jekk ma tistax tattendi, tista' tagħti prokura lil persuna oħra biex teżerċita d-drittijiet kollha jew kwalunkwe dritt li għandek biex tattendi, tivvota u titkellem waqt il-Laqgħa, u dan tista' tagħmlu billi timla l-Formola ta' Prokura li hawn ma' din l-ittra u tibgħatha lura b'mod li tasal mhux aktar tard mis-6 ta' waranofsinhar fl-20 ta' April 2026.

Importanti li tkun taf li għal-Laqgħa jitħallew jattendu biss dawk il-persuni li huma inklużi fir-Reġistru tal-Azzjonisti tal-Kumpanija jew il-prokuraturi appuntati minnhom.

Apparti milli jagħmlu mistoqsijiet waqt il-Laqgħa nnifisha, l-Azzjonisti huma mistiedna jibagħtu bil-quddiem mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati mas-suġġetti mniżżla fl-Aġenda. Dawn jistgħu jintbagħtu permezz ta' email fl-indirizz **cosecaps@apexgroup.com**, jew b'ittra indirizzata lill-Bord tad-Diretturi, APS Funds SICAV p.l.c., APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara, BKR4012, Malta mhux aktar mill-20 ta' April 2026.

Nixtieq, flimkien mal-Bord, nirringrazzja lilek bħala Azzjonist preġjat tagħna tal- appoġġ kontinwu tiegħek u nistenna bil-ħerqa li nilqgħek għal-Laqgħa.

Dejjem tiegħek,
**David Galea Souchet**
Chairman

Jekk inti begħt jew ittrasferejt l-ishma KOLLHA li kellek fl-APS Funds SICAV p.l.c. wara 13 ta' Marzu 2026 inti mitlub tinjora dan id-dokument u l-oħrajn li qed jintbagħtu miegħu.

APS Funds SICAV p.l.c. hi liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji bħala Retail UCITS Collective Investment Scheme.